

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-000300/2011**

### **lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Alain Cadec, Carmen Fraga Estévez, Jim Higgins, Werner Kuhn, Maria do Céu Patrão Neves, Ioannis A. Tsoukalas**

f'isem il-Grupp PPE

Suġġett: L-Akkwakultura fl-Ewropa

L-industrija Ewropea tal-akkwakultura ħolqot madwar 17 000 kumpanija, u ġġenerat 65 000 impjeg dirett jew indirett.

F'kuntest dinji, fejn id-domanda għall-prodotti tal-akkwakultura hija għolja, l-UE tikkontribwixxi biss sa 2% tal-produzzjoni dinjija tal-akkwakultura, filwaqt li l-konsum intern tagħha jammonta għal aktar minn ħames miljun tunnellata fis-sena; għaldaqstant hija jkollha timporta żewġ terzi tal-prodotti li teħtieġ minn pajjiżi li mhumiex fl-UE.

Fil-proposta reċenti għal riforma tal-PKS, il-Kummissjoni nnifisha tirrikonoxxi li l-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Akkwakultura Ewropea, immedija fl-2002, ma laħqitx il-mira mistennija, imma nnotat ir-rwol importanti ta' dan is-settur fl-iżgurar tas-sikurezza tal-ikel, fl-iżvilupp tal-impjegi u fl-iżgurar ta' ppjanar tajjeb tal-ispazji. Il-proposta l-ġdida, minkejja kollox, ma tagħmilx referenza għall-bżonn ta' kriterji kwalitattivi rigward l-akkwakultura. Hija tħalli wkoll l-iżvilupp tal-akkwakultura f'idejn l-Istati Membri, meta jinħass bis-sħiħ il-bżonn ta' qafas Ewropew.

1. Il-Kummissjoni kif biġisiebha toħloq il-kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli, filwaqt li tqis il-qafas leġiżlattiv rigward ir-regoli ambjentali?
2. Minħabba li r-riforma tal-PKS hija opportunità biex l-akkwakultura tingħata rwol ewlieni rigward il-bilanċ tal-provvista tal-produzzjoni tas-sajd u għanijiet oħrajn imsemmija fl-Istrateġija għall-Ewropa 2020, liema miżuri se tapplika l-Kummissjoni biex tigarantixxi dan ir-rwol ewlieni?
3. Il-Kummissjoni kif biġisiebha tistimola l-iżvilupp ta' akkwakultura estensiva jew integrata sabiex timminimizza r-rekwiżiti fuq il-proteini tal-ħut għall-proċess tat-tnissil?
4. Fl-imġħoddi, l-industrija tal-akkwakultura għaddiet minn kriżi kbira tas-suq. Issa s-suq tal-akkwakultura jinsab taħt pressjoni minħabba prodotti importati, irħas, u ta' kwalità baxxa li ma jirrispettawx l-istess rekwiżiti ambjentali, soċjali u sanitarji bħalma jagħmlu l-prodotti Ewropej. Il-Kummissjoni kif biġisiebha tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta fil-qafas tal-OKS?
5. Liema tip ta' tikketta reġistrata u skemi ta' ċertifikazzjoni għall-produzzjoni tal-akkwakultura l-Kummissjoni biġisiebha tistabbilixxi fil-qafas tal-OKS? U l-Kummissjoni tista' tindika liema pjan qed tħaddem biex ikun żgurat il-fatt li l-prodotti importati tal-akkwakultura jkollhom tikkettar xieraq u ta' fiduċja?
6. Il-Kummissjoni biġisiebha toħloq qafas leġiżlattiv bil-għan li jagħti lok għal tkabbir tal-akkwakultura Ewropea u biex tiżdied il-produzzjoni u d-diversifikazzjoni sabiex ikun żgurat li tkun tista' tikkompeti fis-suq internazzjonali?
7. Waqt li tintlaqa' tajjeb il-proposta dwar it-twaqqif ta' Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura, meta se tiġi implimentata, u x' se jkunu l-missjoni, l-istruttura u l-finanzjament tagħha?

Imressqa: 15.11.2011

Mgħoddija: 17.11.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 24.11.2011